REĠJUN TRAMUNTANA

112, Triq Ġulju, Bugibba,
San Pawl il-Baħar SPB 2617

**Laqgħa Reġjonali Nru. 18 ta' 2025, miżmuma nhar it-Tnejn,**

**24 ta' Frar 2025, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv ta' Reġjun Tramuntana.**

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Clifford Galea Vella | | President |
| • Angelo Micallef | Ħal Balzan | Viċi President |
| • Paul Vella | Mġarr | Membru |
| • Christopher Deguara | Naxxar | Membru |
| • Gabriel Micallef | Mellieħa | Membru |
| • Ċensu Galea | San Pawl il-Baħar | Membru |
| • Stefan Cordina | Ħ'Attard | Membru |
| • Aiken Zerafa | Mosta | Delegat |
| • Norbert Dalli | San Ġwann | Delegat |

| | | |
|---|---|---|
| • Bjorn Bonello | Segretarju Eżekuttiv | |

Membri Skużati:

| | | |
|---|---|---|
| • Dale Hayman | Mtarfa | Membru |

# AĠENDA

1. Ittri ta' Apoloġija
2. Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa Nru.17
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza mill-President
4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera
5. Aġġornamenti u diskussjoni;
5.1 Local Development Funds – Neptunes WS – Ta' Qali indoor Pool
5.2 IBINS – Waste Management Collaboration Agreeement - GreenPak
5.3 Podcasts u Relazjonijiet Pubbliċi (PR)
5.4 Attivitajiet Sportivi - Malta Federation of Bodybuilding & Fitness
5.5 Performance Bonus - Segretarju Eżekuttiv u Aġent Deputat preċedenti
5.6 Sinjali – Merħba
6. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti
7. Aġġornament

Il-laqgħa nfetħet mill-President Clifford Galea fil-ħamsa u nofs (17.30) ta' filgħaxija.

**1. Ittri ta' Apoloġija**

Il-President Clifford Galea nforma li s-Sindku Dale Hayman, talab biex ikun skużat minħabba li kellu jattendi il-laqgħa tal-Kunsill tal-Imtarfa.

**2. Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa Nru.17**

Il-President ippreżenta l-minuti tal-laqgħa numru 17 hekk kif miktuba mis-Segretarju Eżekuttiv.

Fuq proponiment tas-Sindku Paul Vella, issekondat mis-Sindku Dot. Christopher Deguara, kien hemm qbil unanimu u l-minuti ġew approvati hekk kif preżentati.

**3. Komunikazzjoni u Korrispondenza mill-President**

**3.1 Talba għal Promozzjoni – Klabbs tal-Futbol fir-Regjun**

Il-President ħabbar li ġie avviċinat mill-Kunsillier Trevor Fenech biex issir kollaborazzjoni mir-Regjun ma' kull klabb tal-futbol, sabiex il-logo tar-Regjun ikun stampat fuq il-ġerijiet tal-plejers.

Madankollu, peress li din l-inizjattiva tinkludi l-lokalitajiet kollha tar-Regjun u l-ispiża hija kemxejn għolja, ġie deċiż li ma ssirx promozzjoni ta' dan it-tip.

Is-Sindku Paul Vella saħaq ukoll fuq l-importanza li assoċjazzjonijiet differenti jibbenefikaw mill-għajnuna, sabiex din ma tkunx immirata biss lejn assoċjazzjoni waħda b'ammont konsiderevoli. Huwa enfasizza wkoll li l-għajnuniet li jingħataw għandhom ikunu sostenibbli kemm għar-Regjun kif ukoll għall-kunsilli li jagħmlu parti minnu.

**3.2 Aġġornament – Kommunita' Kommedia**

Il-President fakkar lill-membri dwar il-workshops li ser jibdew illum u jibqgħu sejrin sa nhar il-Ħamis. Hemm madwar 15-il parteċipant irreġistrati. L-istaff tar-Reġjun qiegħed jgħin fir-reġistrazzjonijiet. Ħa l-opportunità biex iħeġġeġ lill-membri kollha sabiex jattendu għall-ballu li ser isir nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Frar 2025. Id-dress code hija black tie jew kostumi barokki.

**3.3 Informazzjoni Rikjesta mingħand il-Kunsilli**

Il-membri tal-Kunsill Reġjonali ġew imfakkra sabiex jgħaddu lir-Reġjun l-informazzjoni li jmiss:
- Kwantita ta' siġar u is-siti allokati għal dawn is-siġar
- Intbgħatu imejls mis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jintgħażlu r-ritartti preferuti għall-bolol
- Kalendarju ta' Attivitajiet – Il-membri li għadhom ma mlewx il-formola online li ntbgħatet mis-Segretarju Eżekuttiv għandha timtela mill-aktar fis.
- Numru ta' Work Stations li hemm ġewwa kull Kunsill Lokali.

**3.4 Eżerċizzju ta' branding ġdid ta' Reġjun Tramuntana**

Il-President informa li r-Reġjun qiegħed jagħmel eżerċizzju ta' branding. Qed jingħataw linji gwida lill-Kunsilli sabiex, jekk ikun hemm il-ħtieġa li jintużaw xi logos, jistgħu jużaw dawk provduti. Dan huwa intiż biex jarmonizza ċerti proċessi.

**3.5 Advocacy Group (Baħar Iċ-Ċagħaq)**

Wara li l-President iltaqa' ma' din l-għaqda fiċ-Ċentru Pastorali ta' Baħar iċ-Ċagħaq, ħa din l-opportunità biex jikkomunika dawn it-talbiet mal-Kunsill Lokali tan-Naxxar. Huma jixtiequ informazzjoni fuq diversi applikazzjonijiet u proposti, fosthom ir-restawr tal-kappella ta' San Ġwann Evanġelista, il-kappella ta' San Pietru is-Sajjied, ir-rotta tas-servizz tal-linja 103, ftuħ estiż tal-latrina, sinjali aħjar, proġett tan-Natura Park minn Project Green, u numru ta' punti oħrajn. Minħabba li nemmnu li din hija ġurisdizzjoni tal-Kunsill Lokali, filwaqt li noffru l-għajnuna tagħna bħala Reġjun b'kull mod possibbli, qed ngħaddu dawn it-talbiet lill-Kunsill Lokali tan-Naxxar.

Is-Sindku, Dot. Christopher Deguara, informa li l-Kunsill Lokali tan-Naxxar diġà qiegħed jieħu ħsieb din it-talba.

**3.6 Aġġornament - Nisġa Lwien**

Il-President għamel referenza għall-proġett Nisġa Lwien fejn semma li s-Sinjura Anna Formosa ikkomunikat mal-Kunsilli rispettivi dwar xi nformazzjoni meħtieġa għal dan l-avveniment. Infakkru lill-membri biex jgħaddu din l-informazzjoni mill-aktar fis, peress li huwa maħsub li f'Mejju jiġu pjanifikati xi attivitajiet. Is-Segretarju Eżekuttiv wera l-logo propost għal dan il-proġett li ntlaqa' tajjeb mill-membri preżenti.

**3.7 Assoċjazzjoni Kubo Eventi – Ġemellaġġ Sportiv Malta/Italia 2025**

Wara li saru kuntatti varji mal-Kumitat Olimpiku kif ukoll mas-Sur Mineo mill-Associazioni Kubo Eventi, ġiet determinata l-akkomodazzjoni ta' fejn ser joqogħdu l-adolexxenti hawn Malta. Din instabet wara talba ta' kwotazzjonijiet li saret mir-Reġjun bħala għajnuna loġistika provduta. Ir-Reġjun ser ikun responsabbli loġistikament għall-arranġament tat-trasport matul il-jiem tal-kompetizzjonijiet hawn Malta.

Is-Sindku, Perit Ċensu Galea, staqsa min ser ikunu l-parteċipanti li ser jattendu u liema ser ikunu d-dixxiplini. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li qiegħdin fil-proċess ta' diskussjonijiet mal-Kumitat Olimpiku sabiex jiġu determinati d-dixxiplini u l-parteċipanti li ser jieħdu sehem kemm fl-Italja kif ukoll hawn Malta.

**3.7 Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali – Kors dwar bookkeeping, Accounts u Sage.**

Il-President informa li r-Reġjun irċieva talba mingħand impjegata tar-Reġjun sabiex tattendi kors li qed jiġi offrut mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, li fil-fatt qed jissussidja wkoll 10%. Il-kors komplut, li jkopri bookkeeping and accounting sa Sage Advanced, jiswa €1,500, u b'hekk, bl-għajnuna tal-Assoċjazzjoni, l-ispiża tkun €1,350. Hemm ukoll il-kors mingħajr is-Sage, li jiswa €700.

F'każ li nirċievu aktar talbiet għal dan il-kors, qed naqsmu din l-informazzjoni, peress li l-ispiża hija sostanzjalment għolja.

Is-Sindku Paul Vella staqsa jekk l-impjegati li jingħataw l-opportunità li jattendu dan il-kors humiex se jkunu marbuta għal perjodu ta' żmien wara li jibbenefikaw minnu. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-impjegati li jattendu kwalunkwe korsijiet imħallsa mir-Reġjun ser ikunu marbuta skont l-iSponsorship and Study Leave Manual tal-Institute for Public Service. Kien hemm qbil.

**3.8 Aġġornament – Wasteserv**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li f'dawn l-aħħar ġimgħat saret laqgħa bejn il-Presidenti tar-Reġjuni, id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, u l-Wasteserv fejn tal-aħħar talbu lir-Reġjun Tramuntana li jitħallsu pagamenti dovuti għas-snin 2023 u 2024 li jaqbżu l-miljun Ewro f'tipping fees. Ir-Reġjun qiegħed jagħmel il-verifiki neċessarji u qed iħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali li għad għandhom pendenzi mar-Reġjun, partikolarment tal-2023 imma mhux biss, sabiex dawn jitħallsu mill-aktar fis possibbli. Fejn hemm diffikultajiet, ir-Reġjun lest li jagħmel arranġamenti biex dawn jitħallsu bin-nifs fuq perjodu ta' xhur. Ser isiru wkoll diskussjonijiet neċessarji mal-accountant biex jiġi kkonfermat li dawn l-ispejjeż ittieħdu in konsiderazzjoni fir-rapporti finanzjarji u li hemm il-fondi neċessarji biex dawn jiġu mħallsa lura mingħajr ma tiġi preġudikata l-funzjoni tar-Reġjun.

**3.9 Proġett Pilota ta' riċerka – Internet of things – Terracom**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li saret laqgħa ma' kumpanija barranija fejn ġew diskussi diversi kwistjonijiet li jolqtu l-Kunsilli Lokali f'dak li huwa l-immaniġġjar ta' faċilitajiet u verifika ta' xogħlijiet u spezzjonijiet li jsiru minn diversi kuntratturi. Hemm il-ħsieb li wara li r-Reġjun jiġbor l-informazzjoni kollha meħtieġa mill-Kunsilli Lokali dwar aspetti u stima ta' faċilitajiet meħtieġa, jkun hemm għajnuna biex isir proġett ta' riċerka pilota li jista' jiġi dduplikat għal kull Reġjun jew lokalità.

**3.10 Migrazzjoni għal APS Bank**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li wara li r-Reġjun ikkonkluda r-rapporti finanzjarji, deher biċċar li minkejja l-ammonti fil-kontijiet diversi tar-Reġjun, dan tal-aħħar mhux qed jieħu rati ta' imgħaxx favorevoli u anke qed jiġi mdaħħal fi spejjeż ta' transazzjonijiet ta' rutina rikorrenti li mhux qed jagħtu valur tal-flus pubbliċi kif xieraq. Wara li r-Reġjun esplora diversi alternattivi, konxju wkoll tal-limitazzjonijiet li għandu f'dan ir-rigward, qed jiġi propost fil-laqgħa li jmiss li

l-membri jieħdu vot fuq il-possibbiltà li jinfetħu kontijiet fl-APS Bank bħala proċess ta' migrazzjoni għal imgħaxx aħjar u tnaqqis sinifikanti ta' bank charges.

Fuq proponiment tas-Sindku Paul Vella, issekondata mill-Kunsillier Aiken Zerafa, kien hemm qbil li dan il-punt m’għandux għalfejn jerġa' jitla’ għad-diskussjoni fil-laqgħa li jmiss u kien hemm qbil li jibdew isiru l-arranġamenti neċessarji sabiex issir din il-migrazzjoni essenzjali mill-aktar fis għall-ġid tar-Reġjun.

**3.11 Sapport Finanzjarju – Eżebizzjoni tal-Ġimgħa l-Kbira - Vittorja Band Club, Naxxar**

Ir-Reġjun ġie mitlub għall-għajnuna mill-Vittorja Band Club, Naxxar, biex tintrama l-wirja tal-Ġimgħa l-Kbira. Il-kwotazzjonijiet li ġew ippreżentati jkopru 150 metru drapp, bi spiża li taqbeż it-€800. Peress li din l-ispiża kienet relattivament għolja, ir-Reġjun offra l-appoġġ tiegħu billi jkopri biss l-ispiża tal-kameras rikjesti, b’valur ta’ ċirka €300. Nieħdu l-opportunità li nfakkru lill-Kunsilli Lokali li dawn l-għajnuniet mhumiex rekwiżit tar-Reġjun li jagħmilhom, minkejja li r-Reġjun dejjem jiprova jgħin kif jista' lill-għaqdiet volontarji fi ħdan id-disa' Kunsilli Lokali.

**3.12 Sapport Finanzjarju – Għaqdiet (Talbiet ta’ riklamar fil-fuljetti u xiri ta’ affarijiet żgħar)**

Is-Sindku, Dot. Christopher Deguara, ipropona li dawn it-tip ta’ għajnuniet ma jibqgħux jingħataw lill-għaqdiet volontarji tal-lokalitajiet. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Il-Kunsillier Aiken Zerafa staqsa jekk hux possibbli jissellfu l-bins-on-wheels provduti mir-Reġjun Tramuntana għall-attività tal-Karnival. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li m’hemm l-ebda problema u li għandu jsir ftehim sabiex dawn jinġabru mill-maħżen tar-Reġjun fil-jiem li ġejjin.

**5. Aġġornamenti u diskussjoni**

**5.1 Local Development Funds – Neptunes WS – Ta’ Qali indoor Pool;**

Referenza għal punt numru 5.1 tal-laqgħa preċedenti, saret verifika mis-Segretarju Eżekuttiv mal-Planning Authority rigward il-fondi allokati għal dan il-proġett.

Wara diskussjoni twila bejn il-membri kollha, u wara li tqajmu aktar punti rigward il-fondi allokati u li ser jintużaw għal dan il-proġett mis-Sindku, Perit Ċensu Galea, u l-Viċi President Dot. Angelo Micallef, ma ntlaħaqx qbil bejn il-membri. Għalhekk, din il-proposta ma ġietx milqugħa.

**5.2 IBINs – Waste Management Collaboration Agreeement - GreenPak**

Is-Segretarju Eżekuttiv bagħat rendikont ma' din l-aġenda tal-laqgħa li saret mal-ERA fuq l-IBINs, il-ftehim mal-PROs, u aspetti oħra li huma relatati mal-ġbir ta' skart. Il-membri huma mistiedna jiddiskutu din il-korrispondenza li ser tintbagħat lill-ERA bħala komunikazzjoni uffiċjali bħala pożizzjoni tar-Reġjun. Minħabba li f'din il-laqgħa deher li l-ERA fehmet il-problemi li l-Kunsilli Lokali jiffaċċjaw u li l-arranġament volontarju ma' kull Kunsill Lokali u l-PROs mhux qed jassigura self-compliance, il-ħtieġa ta' penali u l-obbligu li dawn is-siti jitnaddfu mill-PROs se jiġi esplorat bir-reqqa qabel ma l-ERA tibqa' tiltaqa' mal-Kunsilli Lokali separatament biex tobbligahom iżidu n-numru ta' siti fil-lokalità tagħhom. L-ERA għandha tifhem li dawn is-siti, mingħajr il-prekawzjonijiet neċessarji, infurzar u assigurazzjoni li l-

PROs għandhom il-kapaċità li jieħdu ħsieb tali siti, qed ikunu piż u inkonvenjent fil-lokalitajiet fejn jinsabu.

**5.3 Podcasts u Relazjonijiet Pubbliċi (PR)**

Saret talba għal kwotazzjonijiet kemm għall-kiri u filming tal-podcasts mal-Profs. Azzopardi, kif ukoll għal kumpaniji ta' PR biex tippromwovi l-ħidma tal-Kunsilli Lokali f'dan ir-Reġjun. Ser issir laqgħa mal-Profs. Azzopardi dwar il-kontenut ta’ dawn il-podcasts, l-editorjal, u x’limitazzjonijiet fuq il-parteċipazzjoni ta’ uffiċjali pubbliċi f’dan it-tip ta’ media. Kien hemm qbil dwar dan.

**5.4 Attivitajiet Sportivi - Malta Federation of Bodybuilding & Fitness**

Waħda mill-għanijiet tar-Reġjun hija li jappoġġja organizzazzjonijiet sportivi li joffru opportunitajiet sportivi lill-komunità. F’dan il-kuntest, is-Sur Decelis, President tal-Organizzazzjoni Volontarja Malta Federation of Bodybuilding & Fitness, iltaqa’ mas-Segretarju Eżekuttiv f’laqgħa fejn ġew diskussi żewġ avvenimenti li se jsiru fit-13 ta’ April u fid-9 ta’ Novembru.

Fost il-kompetizzjonijiet ippjanati, se jsiru wkoll kompetizzjonijiet ta’ Fitness Challenges għat-tfal, li jinkludu eżerċizzji bażiċi bil-body weight. Il-kategoriji tal-età ser ikunu bejn il-11-il sena u l-15-il sena. B’riżultat ta’ din l-inizjattiva, ir-Reġjun qed jipproponi li jappoġġja dawn l-avvenimenti b’għajnuna ta’ €2,000. Din tkun opportunità tajba biex isem ir-Reġjun jidher f’kompetizzjoni ta’ dan it-tip, kif ukoll biex il-komunità tkun aktar viċin tal-eżerċizzju fiżiku, li huwa ta’ benefiċċju kbir għas-saħħa.

Barra minn hekk, ġie diskuss il-potenzjal ta’ kollaborazzjoni waqt il-European Week of Sports f’Settembru, bil-għan li jiġu organizzati kompetizzjonijiet għaċ-ċentri tal-Active Ageing kif ukoll għal membri oħra tal-komunità. Aktar dettalji se jiġu diskussi fil-laqgħat li ġejjin.

**5.5 Performance Bonus - Segretarju Eżekuttiv u Aġent Deputat preċedenti**

L-evalwazzjoni tal-Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv u l-Aġent Deputat preċedenti saret mill-President flimkien mal-membri tal-Kunsilli rispettivi. Wara l-preżentazzjoni tal-formoli u d-dokumentazzjoni, il-membri qablu dwar il-persentaġġi mogħtija rispettivament. Din id-dokumentazzjoni għaddiet għall-proċessar f’idejn id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

**5.6 Sinjali – Merħba**

Il-President informa li fil-passat saru diskussjonijiet biex isiru dawn it-tip ta' sinjali u tqassmu eżempji għad-diskussjoni tal-membri. Wara li jsir qbil fuq kif ser nimxu 'l quddiem, hemm ħsieb li jinħareġ tender għal dawn is-sinjali. Din l-informazzjoni ġiet diskussa u ser issir talba għal qbil fuq liema disinn, il-kwantità, is-siti, u speċifikazzjonijiet oħra.

**6. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ Pagamenti**

Il-President ressaq għall-approvazzjoni, l-iskeda ta’ pagamenti Numru 185 għall-perjodu ta’ bejn il-21 ta’ Jannar 2025 u l-24 ta’ Frar 2025. L-Iskeda msemmija ġiet approvata mill-

proponent is-Sindku Paul Vella u issekondata mis-Sindku Perit Ċensu Galea. Il-membri qablu unanimament.

**7. Aġġornament**

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fit-tmienja u nofs (20.30) ta' filgħaxija. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ġimgħa 28 ta' Marżu 2025 fil-17.30, segwita mil-Laqgħa Ġenerali Annwali.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Clifford Galea | Bjorn Bonello |
| President | Segretarju Eżekuttiv |

Approvati llum il-Ġimgħa, 28 ta' Marzu 2025